TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 152

KAZ NRU: 190

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

is-Sur Joseph Mifsud

u

l-Malta Drydocks (Metal Section)

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Novembru, 1983

Chairman: A Debono C.P.A.A.

B'ittra tax-19 ta' April, 1982 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali irrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sur Joseph Mifsud minn mal Malta Drydocks, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Anthony Busuttil, Segretarju tat-Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-General Workers' Union waqt li ghal Management tal-Malta Drydocks deher is-Sur Carmel Debono, Personnel Manager.

3. <u>Statement of Case (fil-qosor)</u>

<u>Ghall-appellant</u> - Is-Sur Anthony Busuttil issottometta li s-Sur Joseph Mifsud li hu mpjegat bhala 'Stager Slinger' u jahdem fil-Plate Shop tat-Tarzna, nhar it-Tnejn, 29 ta' Gunju, 1981 kien garrab korriment f'saqajh il-leminijja, fil-hanut tax-xorb tieghu f' Birzebbugia. L-ghada hu l-appellant mar jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizzija biex jaghmel hemm ic-certifikat tan-National Insurance u anke biex jinforma l-Ispizerijja tat-Tarzna li Joseph Mifsud ma setghax jattendi ghax-xoghol fit-Tarzna minhabba l-korriment. It-tabib tat-Tarzna mar id-dar tas-Sur Mifsud nhar is-7 ta' Lulju, 1981

.../2

fl-4.20 p.m. u ma sabghux hemm, izda Mrs Rena Borg qaltlu li dak il-hin kien mar ghand it-tabib privat tieghu Dr Alfred Baldacchino. L-ghada s-Sur Mifsud attenda fl-Ispezerijja tat-Tarzna u meta t-Tabib tat-Tarzna Dr Das, staqsieh l-ghala l-gurnata ta' qabel ma kienx id-dar, l-appellant wiegbu li kien ghand it-tabib tieghu u qallu li kien lest li jgib certifikat fuq daqshekk, kif fil-fatt hu ghamel. It-Tabib tat-Tarzna meta ra c-certifikat deher sodisfatt.

Fit-13 ta' Lulju, 1981 il-Personnel Manager tat-Tarzna baghat ittra lis-Sur Mifsud fejn infurmah li "minkejja t-twissijja tieghi fl-ittra mibghuta lilek datata 30 ta' Jannar, 1981, it-tabib tad-DEPF gie jinvistak fis-7 ta' Lulju, 1981 u ma sabekx id-dar" u "Peress li din hi ripetizzjoni ta' abbuz tas-sick leave .. .. .. .. inti qieghed tigi ssensjat mill-impieg tieghek mal-Malta Drydocks b'sehh immedjat." L-appellant cahad bil-qawwa kollha li hu xi darba rcieva xi ittra minghand il-Personnal Manager tat-Tarzna fejn kien gie mwissi b'ittra datata 30 ta' Jannar, 1981. Is-Sur Mifsud meta rcieva l-avviz tas-sensja fejn saret referenza ghal imsemmija ittra mill-ewwel ipprotesta mall-Personnel Manager fejn qallu li ma kienx ircieva l-ebda ittra u dan wiegbu li l-ittra haga zghira halli naghmillek wahda issa". Ghaldaqstant is-Sur Busuttil fis-sottomiss-jonijiet tieghu isostni li l-ittra tat-13 ta' Lulju, 1981 kienet l-ewwel twissija u mhux it-tieni wahda.

Lis-Sur Mifsud filwaqt li ma nhariglux "Charge" qabel ma tkecca, gie mcahhad mid-dritt fundamentali li jiddifendi ruhu. Is-Sur Busuttil ikkonkluda s-sottomissjonijiet tieghu billi qal illi d-decizjoni tat-Tarzna li saret a bazi ta' l-avviz tad-9 ta' Jannar, 1980 (Assenza Minhabba Mard) hi wahda zbaljata peress li dan mhux kaz ta' haddiem li abbuza ripetutament mis-Sick Leave.

Ghal dawn ir-ragunijiet u principji, is-Sur Joseph Mifsud ghandu jigi moghti l-impieg lura mid-data li tkecca u minghajr ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol li hu kien igawdi qabel ma tkecca.

Ghal Malta Drydocks - Is-Sur C Debono ghal Management issottometta li b'ittra datata 30 ta' Jannar, 1981 is-Sur Joseph Mifsud kien gie mgharraf li r-raprezentant tat-Tarzna ma sabux id-dar meta mar izuru nhar il-Erbgha, 28 ta' Jannar, 1981 meta suppost kien marid, u mwissi li repetizzjoni tkun tfisser li jigi ssensjat skond l-Avviz Generali (Policy) tad-9 ta' Jannar, 1980 (Assenza Minhabba Mard). Is-Sur Mifsud gie mgharraf b'ittra datata 13 ta' Lulju, 1981 li ma kienx id-dar meta mar izuru t-tabib tat-Tarzna fis-7 ta' Lulju, 1981 u gie ssensjat skond il-procedura stabbilita permezz ta' l-ittra u t-twissija precendenti.

B'ittra datata 8 ta' Dicembru, 1981 ic-Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna informa lit-Taqsima tal-Union, li l-Kunsill kien laqa' t-talba tat-Taqsima biex dawk il-haddiema li kienu tkeccew ghax abbuzaw mis-Sick Leave jigu mghotijja amnestija. B'konsegwenza ta' din l-amnestija, b'ittra datata 21 ta' Dicembru, 1981 is-Sur Joseph Mifsud gie avzat biex jidhol ghax-xoghol fl-14 ta' Jannar, 1982.

Il-Management tal-Malta Drydocks ma jistax jifhem kif il-kaz tas-Sur Mifsud fic-cirkostanzi msemmija thalla jitqies taht it-termini ta' temm ta' impieg ingust meta:

i) Is-Sur Mifsud gie meqjus taht l-amnestija u mghoti l-impieg lura fuq talba tat-Taqsima tal-Union stess;

ii) Is-Sur Mifsud kien kiser il-procedura stabbilita rigward Assenza Minhabba Mard;

iii) Is-Sur Mifsud kien gie mwissi bil-miktub ghall-ewwel nuqqas u li ghalih ma kien bl-ebda mod oggezzjona la personalment u lanqas permess tal-Union li taghha kien Membru.

Il-Management issottometta li t-talba tat-Taqsima f'din ic-cirkostanza ma ghandiex tkun meqjusa li taqa' taht it-termini ta' temm ta' mpieg ingust, ghad id-decizjoni tal-Kunsill li jaghti mahfra rrendiet it-talba inapplikabbli.

F'dak li jirrigwardja s-Sick Leave tas-Sur Mifsud, ir-records tieghu fl-1980 kien ta' 76 gurnata f'hames okkazzjonijiet u fl-1981 sa Lulju kien ta' 65 gurnata f'erbgha okkazzjonijiet; frekwenza ta' mard li jdahhallek dubbju serju kemm il-mard kien genwin.

Finalment, il-Management issottometta li t-talba ta' l-appellant ma ghandhiex tigi milqughha mit-Tribunal ghaliex ma' ghandha l-ebda gustifikazzjoni li tghid li l-impieg tieghu kien gie terminat ingustament, b'hekk titlob lit-Tribunal li jirregetta t-talba ghax hi bla bazi serja u gustifikazzjoni.

4. Lista ta' Dokumenti Sottomessi

i) Kopja tar-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks.

ii) Certifikat minn St Luke's Hospital datat 30 ta' Gunju 1981.

iii) Talba ghal beneficcju ghal mard - First 30.6.81

iv) Acknowledgement mill-Malta Drydocks Surgery 30.6.81 rigward ic-certifikat ta' St Luke's Hospital

v) Certifikat ta' Dr Alfred Baldacchino M.D. datat 9.7.81

vi) Biljett ta' Tabib tad-Drydocks Employees Provident Fund datat 7.7.81.

vii) Ittra mil-Malta Drydocks datata 13.7.81 (l-ittra tas-sensja)

viii) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager datata 30.1.81 lis-Sur J Mifsud

ix) Kopja ta' Avviz tal-Malta Drydocks datat 9.1.80 rigward "Assenza Minhabba Mard"

x) Kopja ta' ittra mic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks datata 8.12.81 lis-Segretarju tal-General Workers' Union, Taqsima tad-Drydocks (Metall)

xi) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager datata 21.12.81 lis-Sur Mifsud

xii) Kopja ta' ittra mis-Segretarju tal-General Workers' Union Taqsima tad-Drydocks (Metall) datata 22.12.81 lic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks

xiii) Kopja ta' ittra mis-Segretarju G.W.U. Taqsima tad-Drydocks (Metall) datata 4.1.82 lic-Chairman tal-Kunsill, Malta Drydocks

xiv) Kopja ta' ittra mic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks datata 29.12.81 lis-Segretarju - G.W.U. Taqsima tad-Drydocks (Metall)

xv) Kopja ta' ittra mis-Segretarju G.W.U. Taqsima tal-Metall datata 6.2.80 lil Personnel Manager, Malta Drydocks

xvi) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager, Malta Drydocks datata 1.2.80 lis-Segretarju Metal Workers Section

xvii) Kopja ta' ittra mis-Segretarju G.W.U. Taqsima tad-Drydocks (Metall) datata 21 ta' Novembru, 1981 lic-Chairman tal-Malta Drydocks

xviii) Kopja ta' Internal Memorandum datat 8.7.81 mill Welfare Officer lil Personnel Manager - Malta Drydocks

xix) Kopja ta' l-Out Patient - Sick Leave Medical Assessment minn Dr Das datat 15.12.82 rigward Mr Joseph Mifsud

xx) Kopja ta' Internal Memorandum datata 29.1.81 - Checking Sick Employees

5. <u>Instemghu dawn ix-Xhieda:</u>

i) Dr A Baldacchino - Tabib Privat

ii) Mr Joseph Mifsud - L-appellant

iii) Mrs Rena Borg - Xhud ta' l-appellant

iv) Mr P Attard - Pay Office Manager

v) Mr Ph Mifsud - Welfare Officer

vi) Dr S Das - Senior Medical Officer, Malta Drydocks

6. <u>Xhieda fil-Qosor</u>

i) <u>Dr A Baldacchino</u> - It-tabib privat tas-Sur Joseph Mifsud - ikkonferma li c-certifikat iddatat 9 ta' Lulju, 1981 li gie sottomess lit-Tribunal gie rrilaxxjat minnu.

ii) <u>Is-Sur Joseph Mifsud</u>: - L-appellant - qal li tard hafna nhar id-29 ta' Gunju, 1981 waqt li kien il-hanut tieghu, waqalu flixkun li weggaghlu siequ l-leminijja u mar l-Isptar fil-11.30 p.m. fejn dam siegha; wara mar lura lejn id-dar.

L-appellant xehed li hu qatt ma kien ircieva l-ittra tal-Personnel Manager id-datata 30 ta' Jannar, 1981. Meta s-Sur Mifsud rcieva l-ittra tas-sensja fit-13 ta' Lulju, 1981 mar ghand il-Personnel Manager u qallu li hu qatt ma kien ircieva l-ittra tat-30 ta' Jannar, 1981 u l-Personnel Manager wara li qallu li hu kien baghathielu, kompla jghidlu: "Anke issa nista' naghtihielek jekk irrid".

Matul is-sitt xhur li l-appellant kien ghamel sospiz, kien jittelefona l-Ispezerijja tat-Tarzna kull nhar ta' Tnejn u kien jaghmel ukoll certifikat tan-National Insurance li kien jibghatu d-Drydocks regolarment allavolja hu kien minghajr paga; izda xi 4 xhur u nofs wara baghatulu lura c-certifikati kollha f'daqqa.

Xi jumejn jew tlett ijiem wara (l-appellant ma setghax jiftakar ezatt) li kien korra (nhar id-29 ta' Gunju) kien marlu d-dar it-tabib tat-Tarzna u ma sabux hemm ghaliex kien mar ghand it-Tabib privat tieghu biex idewwieh. Dr Das hallielhu 'card' ma Mrs Rena Borg sabiex l-ghada hu jattendi l-Ispizerijja tad-Drydocks.

L-ghada l-appellant mar l-Ispizerijja tat-Tarzna u pprezenta c-certifikat ta' Dr Baldacchino. It-Tabib tat-Tarzna wara li ra c-certifikat ikkoncernat qallu: "Allright, mur id-dar" u kompla jghid: "baghatni d-dar ghaliex ra li l-ferita hija kbira hafna li kelli go saqajja. Mort id-dar u hadd ma gie: qatt ma gieni izjed it-tabib".

Fil-kontro ezami, is-Sur Mifsud ikkonferma li nhar it-28 ta' Jannar, 1981 fl-4 ta' wara nofs in-nhar, il-Welfare Officer ra lil Appellant hiereg mill-hanut tieghu ghaliex mar jixtri s-sigaretti u l-Welfare Officer qallu: "Jekk kemm-il-darba inti xbajt id-Drydocks ghaliex ma titlaqx u thallina u mhux inkeccuk ahna".

Is-Sur Mifsud ghad-domanda tas-Sur C Debono qal li hu jiftakar li l-Management tal-Malta Drydocks kien hareg Avviz rigward il-mard u ghalkemm l-appellant kellu "chance" li jinforma t-Tarzna li kien hiereg mid-dar izda dan ma ghamlux ghaliex "jiena ma nahsibx li hemm xi haga hazina meta jiena mort ghand it-tabib tieghi kuranti" u kkonkluda x-xhieda tieghu billi qal; "Dak hu l-obbligu li tinforma lid-Dockyard li inti hiereg".

L-appellant qal li hu qatt ma deher quddiem Board ta' Dixxiplina.

iii) Mrs Rena Borg - prodotta mill-appellant - qalet li nhar is-7 ta' Lulju, 1981 bejn l-4 u l-4.30 p.m., kienet id-dar tas-Sur Joseph Mifsud u mar it-tabib tat-Tarzna u staqsiha ghal l-appellant u hi qaltlu li mar ghand it-tabib privat tieghu. It-tabib tat-Tarzna taghha biljett u qalla biex tghid lis-Sur Mifsud biex l-ghada jmur id-Dockyard.

Mrs Borg kompliet tghid li s-Sur Mifsud kien mar ghand Dr Baldacchino biex jikkura siequ.

iv) Is-Sur Paul Attard - Pay Officer tal-Malta Drydocks - spjega fid-dettal il-procedura tal-pagamenti meta l-haddiema ikunu morda, kemm ghal dawk li huma membri tad-Drydocks Employees Provident Fund u kemm ghal dawk li ma humiex membri ta' dan il-Fund. Is-Sur Attard ikkonferma li l-appellant kien Full Member tad-D.E.P.F. li jfisser li Sickness Benefit entitlements tas-Social Services jircievihom mid-Dockyard u mhux dirett mid-Dipartiment tas-Social Services. F'Jannar 1981, is-Sur Mifsud kien marid imma ma thallasx, allura il-Malta Drydocks m'ghamlitx claim lid-Dipartiment tas-Social Services ghan-nom ta' l-appellant ghal dak il-perijodu ta' mard galadarba ma thallasx minkejja l-fatt li s-Sur Mifsud baqa' jibghat iccertifikati. Ix-xhud kompla jghid li skond ir-records tieghu, nhar l-20 ta' Jannar is-Sur Mifsud ma nstabx id-dar, u l-Board iddecieda li ma jhallsux: "Not to be considered as paid Sick Leave"; imma peress li s-Sur Mifsud baqa' jibghat ic-certifikati, ix-xhud (Pay Officer Manager) ikkonsidrah bhala unpaid sick leave. Is-Sur Mifsud

kien thallas mit-3 ta' Dicembru 1980 sat-3 ta' Jannar 1981, u ghal perjodu 5 ta' Jannar sal-14 ta' Marzu, 1981 gie trattat bhala 'unpaid Sick Leave'.

Is-Sur Mifsud l-ahhar li thallas kien sa l-1 ta' Lulju 1981 imbaghad sa l-10 ta' Lulju li kienet il-Gimgha rega kien 'unpaid leave'.

v) Is-Sur Ph ~~Muscat~~ - Welfare Officer - xehed li nhar it-28 ta' Jannar, 1981, kien mar izur lis-Sur Joseph Mifsud u meta habbat fl-indirizz li kellu, fethitlhu tfajla li assuma li kienet it-tifla ta' l-appellant u meta staqsijha ghalih hi qaltlu li mar jixtri s-sigaretti; 'Iffolowjajtha kantuniera, imxejna nofs triq sal-kantuniera u dorna u dahlet f'hanut. Jien bqajt barra nistennieha. Hareg is-Sur Mifsud u ghidtlu min jien u ghalfejn gejt u qalli li kien mar jixtri s-sigaretti. Ghidtlu li jiena kont se nirraporta li ma kienx id-dar u hu x'hin spiccajna dahal lura fil-hanut fejn kien qabel".

Skond il-lista li kellu il-Welfare Officer, l-appellant kien marid, pero jekk kienx paid jew unpaid sick leave ma jikkonvernahx, ghaliex hemm Dipartiment iehor li jiehu hsieb dan l-aspett.

vi) Is-Sur Joseph Mifsud - l-appellant - rega' xehed u cahad li meta l-Welfare Officer iltaqa' mieghu hiereg mill-hanut hu (l-appellant) rega' lura fil-hanut.

vii) Dr S Das - Senior Medical Officer tal-Malta Drydocks - xehed li nhar is-7 ta' Lulju, 1981, mar id-dar tas-Sur Mifsud imma ma sabghux hemm u hallielhu 'Card'. L-ghada fil-ghodu l-appellant mar is-'Surgery' u wrieh il-gerha li kienet tikkonsisti f'qatgha zghira ta' madwar nofs pulzier f'siequ l-leminijja. Il-gerha li kien garrab xi 7 tijiem qabel kienet imfejqa u ma kellux ghalbiex joqghod barra mix-xoghol.

Dr Das xehed li s-Sur Mifsud qallu li qabel ma mar ghandu kien mar il-klinika ta' Dr Baldacchino, pero x-xhud deherlu li ma kellux ghalfejn imur ghand Dr Baldacchino, allura staqsieh biex jipproduci certifikat lil Provident Fund u mhux lilhu.

.../9

Dr Das kompla jghid li hu rega' mar izur lis-Sur Mifsud nhar il-15 ta' Dicembru, 1982 fil-11.25 a.m., Dr Das ra lil appellant gej mill-kamra ta' wara u meta lemah lil Dr Das is-Sur Mifsud beda jzappap. Is-Sur Mifsud kien mimli zebgha u trab kollu kemm hu; Dr Das hares ghal gol hamra mnejn hareg l-appellant u sab li kien qed jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fid-dar tieghu. Dr Das staqsa lis-Sur Mifsud minn xiex hu kien qed ibghati u dan irrispondieh li kellu ugigh f'irkoptu. Meta Dr Das ezaminah ma sablu xejn hazin. Dr Das ghajjat lid-Driver li kien qieghed barra u dan ukoll rah mimli zebgha.

<u>Fil-Kontro Ezami</u> - Dr Das qal li fid-29 ta' Novembru, 1982 kien mar izur lis-Sur J Mifsud li kien verament marid u tah gimgha mistrieh; nhar is-6 ta' Dicembru, 1982, kien ghadu ma fieqx u ghalhekk baqa' fuq is-sick leave. Dr Das rega' mar izuru nhar il-15 ta' Dicembru u sabu f'dak l-istat li kien ghadu kemm iddeskriva meta rah mimli zebgha u trab.

<u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI (fil-qosor)</u>

i) <u>Is-Sur Anthony Busuttil</u> ghan-nom tas-Sur Joseph Mifsud ghamel riferenza ghal certu fatti u cirkustanzi li kien issottometta fl-istatement of case. Huwa qal li s-Sur Mifsud gie mcahhad mid-dritt li jiddifendi ruhu skond ir-Regolamenti ta' Dixxiplina miftehema bejn il-Management tad-Drydocks u t-Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-General Workers' Union. Il-Management tat-Tarzna ma mexiex skond Regolamenti Numri 10, 11 u 12 tar-Regolamenti ta' Dixxiplina li skond is-Sur Busuttil dawn bilfors kellhom jigu segwiti; dan in-nuqqas jikkonstitwixxi ksur tal-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg u dik l-azzjoni li ttiehdet kontra l-appellant tkun meqjusa bhala effett ta' decizjoni hazina u per konsegwenza titwarrab qisa ma ttehditx.

L-appellant gie mcahhad ukoll mid-dritt li jappella skond Regolament Numru 28 ta' l-istess Regolamenti fuq imsemmija. Fl-ittra tat-13 ta' Lulju, 1981 il-Management semma t-twissija li kienet nghatat lis-Sur Joseph Mifsud permezz ta' ittra datata 30 ta' Jannar, 1981. L-appellant fix-xhieda tieghu cahad bil-qawwa kollha li huwa qatt rcieva din l-imsemmija ittra. Il-Management naqas li jipprova li

hu verament baghat din l-ittra tat-30 ta' Jannar, 1981. Ghaldaqstant l-ittra tat-13 ta' Lulju, 1981, kienet l-ewwel twissija li l-Management baghat lil Appellant.

Is-Sur Busuttil kompla jghid li fl-istatement of case tal-kumpanija, il-Management ammetta li s-Sur J Mifsud kien gie trattat skond it-termini ta' policy generali stipulata mill-Kunsill tat-Tarzna (Abbuz tas-Sick Leave). Li naqas jghid il-Management hu, li t-Taqsima tad-Drydocks Metall tal-General Workers' Union kienet kitbet lil Personnel Manager nhar is-6 ta' Frar, 1980, b'risposta ghal dik tieghu bid-data ta' l-1 ta' Frar, 1980, fejn gie suggerit x'mizuri ta' dixxiplina ghandhom jigu addottati ghal dawk li jabbuzaw mill-mard.

L-Avviz Generali tad-9 ta' Jannar, 1980 jirreferi ghal abbuzi ripetuti ta' sick leave bi hlas, li jesponi lill-haddiema ghal-passi dixxiplinarji, inkluza sensja. Issa fil-kaz tas-Sur Mifsud ma kienx hemm abbuzi ripetuti. Fit-tieni lok, anki f'kaz ta' ripetizzjoni, l-passi dixxiplinarji kollha ghandhom jittiehdu skond il-procedura stabbilita fir-Regolamenti tad-Dixxiplina u anke wkoll skond il-prattika industrijali.

Ix-xhieda tas-Sur Mifsud u ta' Dr Alfred Baldacchino ghandhom jitqiesu bhala provi bizzejjed li huwa ma abbuzax mis-Sick Leave u ma ngabbet l-ebda prova kontrihom mit-Tarzna.

Is-Sur Busuttil kompla jghid fis-sottomissjonijiet tieghu li fl-istatement of case tal-Management intqal li fil-kaz tas-Sur Mifsud l-Union qatt ma dahlet f'korrispondenza diretta jew ghamlet rapprezentazzjonijiet lil Management dwar il-kaz tieghu u kompla li l-Management qal: "Ghandna ghax nahsbu li l-kaz tieghu kien wiehed car ta' abbuz sfaccat". Il-Union tichad li ma ghamlitx rapprezentazz-jonijiet fuq dan il-kaz.

Ghaldaqstant, is-Sur Joseph Mifsud ghandu jigi ri-integrat fid-dmirijiet tieghu u cioe' jerga jitqieghed fil-pozizzjoni li kien qabel ma tkecca mill-impieg, bl-istess kundizzjonijiet li kellu minghajr ebda telf ta' servizz u bi hlas tal-paga u l-beneficcji l-ohra

li hu tilef kemm dam imkecci; dana peress li t-tkeccija tieghu kienet wahda ngusta u llegali.

ii) Is-Sur C Debono - ghal Malta Drydocks issottometta li certi referenzi li ghamlet ghalihom il-Union fl-istatement of case; 'Huma nkorretti u misleading'.

Il-procedura li ttiehdet fil-kaz tas-Sur Mifsud kienet normali u stabbilita kif dan gie kkonfermat fix-xhieda tac-Chairman tal-Malta Drydocks fis-zewg kazi simili tas-Sur Mangion u tas-Sur Xuereb. Il-kaz ta' l-appellant kien irregolat mill-Avviz Generali dwar "Assenza minhabba Mard" tad-9 ta' Jannar, 1980 skond il-policy deciza mill-Kunsill tat-Tarzna.

Mhux minnu li s-Sur Mifsud ma kellux jew gie mcahhad id-dritt jiddefendi ruhu. Il-fatt li l-appellant ammetta fix-xhieda tieghu li ressaq il-kaz tieghu lill-Union jikkonferma li kellu kull dritt jaghmel raprezentazzjonijiet biex jiddefendi ruhu. Li l-Union ma ghamlitx dawn ir-raprezentazzjonijiet ma huwiex it-tort tal-Management u dan wisq probabbli li l-Union hasbet li s-Sur Mifsud ma kienx jidher li kellu ragun.

Il-Management issottometta li l-procedura dwar l-abbuz tas-Sick Leave kellha tkun u kienet regolata mill-Avviz Generali tad-9 ta' Jannar, 1980 u ghaldaqstant ma kienx hemm in-necessita' li jinhareg 'Charge' lis-Sur Mifsud. Jekk izda dan kellu, ghall-grazja ta' l-argument ikun accettat jistaqsi il-ghala allura t-Taqsima ma kkontenditx hekk, ghall l-okkazjoni meta kien gie mwissi li tkecca bl-ittra datata 13 ta' Lulju 1981. Li s-Sur Mifsud jghid li ma rceviex l-ewwel twissija ma jfissirx li din ma ntbghatitx; lanqas ma tfisser li s-Sur Mifsud mhux veru ma kienx id-dar meta mar izuru l-Welfare Officer ghax-is-Sur Mifsud stess fix-xhieda tieghu ammetta li l-Welfare Officer sabu jixtri s-sigarètti mill-hanut tax-xorb tieghu stess u li l-Welfare Officer qallu li sejjer jirrapurtah.

Il-Management issottometta li qatt ma kien hemm id-dubbju fid-decizjoni originali u wisq anqas fl-esekuzzjoni taghha, li minn jabbuza mis-Sick Leave jigi mkecci wara t-tieni okkazjoni ta' repetizzjoni u

mhux wara diversi okkazzjonijiet ta' abbuż, kif gie kkonfermat mix-xhieda tas-Chairman tal-Kunsill f'kazi precedenti ohrajn bhal tas-Sur Mifsud.

Is-Sur Debono kompla jghid fis-sottomissjonijiet tieghu li kien hemm qbil mall-Union dwar il-procedura fuq l-abbuz tas-sick leave kif tidher fl-Avviz Generali tad-9 ta' Jannr, 1980. Kienet u ghadha l-prattika li kull avviz li johrog fit-Tarzna jigi sottomess lill-Union u/jew Unions koncernati ghall-approvazzjoni taghhom. F'dan il-kaz gara l-istess u ma kien hemm l-ebda opposizzjoni minn naha tat-Taqsima tal-Metall tal-General Workers' Union dwar l-Avviz Generali kkoncernat li kien jinkludi l-procedura li kellha tintuza fil-kaz tas-sick leave u l-penalitajiet li kellhom jigu applikati ghal dawk li jonqsu u/jew jabbuzaw mis-sick leave.

Il-Management huwa konvint li s-Sur Mifsud ma ghandu l-ebda gustifikazzjoni fil-kaz ghax bl-ebda mod ma seta jiggustifika ragonevolment in-nuqqas tieghu li javza qabel, kif suppost kellu jaghmel f' zewg okkazzjonijiet. In fatti, fix-xhieda tieghu hu kkonferma li kien mgharraf li biex johrog u jmur ghand it-tabib tieghu, hu kien fid-dover jinforma l-Ispizerijja tat-Tarzna bil-quddiem.

Il-Management tal-Malta Drydocks jikkontendi li dan il-kaz mhux ta' tkeccija mgusta ghax l-avvenimenti susseġwenti tal-mahfra u l-bdil f'sospensjoni jirrendu t-tkeccija inutili. Jekk izda t-Tribunal joghgbu jaghzel jikkunsidra t-tieni aspett, jigifieri s-sospensjoni ta' sitt xhur li s-Sur Mifsud kellu jservi, il-Management jidhirlu li d-dettalji jiggustifikaw il-kastig li gie applikat lis-Sur Mifsud. M'hemm l-ebda dubbju li s-Sur Mifsud ma kienx id-dar meta marru jzuruh il-Welfare Officer u t-tabib tat-Tarzna fiz-zewg okkazzjonijiet.

Dr Das fix-xhieda tieghu qal li l-gerha li kien garrab is-Sur Mifsud kienet qatgha ta' madwar pulzier u li meta ezaminah fl-Ispizerijja tat-Tarzna fit-8 ta' Lulju 1981, din il-gerha kienet infejqa. Mhux talli hekk, izda li Dr Das bhala tabib tat-Tarzna fil-kompitu tieghu shieh ta' tabib xehed li l-gerha ma kelliex ghalfejn zzomm lis-Sur Mifsud li ma jidholx ghax-xoghol. Anzi Dr Das xehed li

fl-ebda stadju u bl-ebda mod ma wera ruhu sodisfat li s-Sur Mifsud kellu xi ragun jibqa' barra marid.

Gie stabbilit ukoll mix-xhieda tat-tabib privat tas-Sur Mifsud, Dr A Baldacchino li c-certifikat li dan ghamel ghas-Sur Mifsud sar fuq talba tas-Sur Mifsud jumejn wara li mar izuru t-tabib tat-Tarzna u ma sabux id-dar. Hija l-esperjenza tal-Management li dawk li jkollhom kaz genwin ma joqghodux jistennew jumejn biex jaghmlu certifikat li marru ghad it-tabib taghhom.

Hemm ukoll l-okkazzjoni l-ohra wara li s-Sur Mifsud kien gie mahfur u mdahhal lura ghax-xoghol meta mar izuru l-istess Dr Das, Senior Medical Officer tat-Tarzna, fil-15 ta' Dicembru, 1982, fil-11.25 a.m. Skond dan ir-rapport, ikkonfermat bix-xhieda tieghu stess waqt is-smiegh tal-kaz, Dr Das iddeskriva f'liema stat sab lis-Sur Mifsud cioe' bi hwejjgu, wiccu u jdejh bit-trab u zebgha, wara li kien ezaminah darb'ohra fid-29 ta' Novembru, 1982 u qallu biex jidhol ghax-xoghol fis-6 ta' Dicembru, 1982.

Finalment, il-kaz tas-Sur Mifsud apparti li l-aspett indi-vidwali specifici tieghu jrid ukoll jitqies fil-kwadru u l-isfond aktar serju ta' riperkussjonijiet ferm serji u gravi dwar il-kontrol tas-Sick Leave fit-Tarzna.

L-isforz tat-Taqsima biex tipprova turi li 6 xhur sospens-joni mix-xoghol kien aspett ta' tbatija finanzjarja lill-individwu, trid titqies fl-isfond li dak li jikkommetti l-abbuz tas-sick leave, ikun qieghed litteralment jiehu, il-kelma ahjar jisraq, flus hadd-iehor u jimmina l-fiducja fis-sistema tal-beneficcji tas-sick leave bil-hlas, barra milli jipperikola graviment il-vijabbilita' ta' l-istess fondi.

Ghaldaqstant, il-Management tal-Malta Drydocks jissottometti li s-Sur Mifsud ma ghandu l-ebda gustifikazzjoni li jghid li l-impieg tieghu kien gie termin t ingustament u ghalhekk il-Management jik-konferma t-talba tieghu lit-Tribunal Industrijali biex jirregetta t-talba kollha kemm hi, ghax hija bla gustifikazzjoni.

SOTTOMISSJONIJIET ADDIZZJONALI

Peress li s-Sur Busuttil mas-sottomissjonijiet finali tieghu pprezenta kopji ta' zewg ittri tal-General Workers' Union datati 6 ta' Frar 1980 u 4 ta' Jannar 1982, u tnejn ohra tal-Malta Drydocks iddatati 1 ta' Frar 1980 u 29 ta' Jannar 1981, is-Sur Debono ghal Management tal-Malta Drydocks ipprezenta sottomissjonijiet addizzjonali. Nhar l-ahhar seduta tat-Tribunal, is-Sur Busuttil ghamel replika verbali ghas-sottomissjonijiet addizzjonali tas-Sur Debono tal-Malta Drydocks.

Kemm is-sottomissjonijiet addizzjonali tal-Management u kemm dawk tal-Union, jittrattaw fuq punti ta' principji rigward il-proceduri ta' dixxiplina.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal irid jiddeciedi jekk it-tkeccija tas-Sur Joseph Mifsud f'Lulju 1981 mill-impieg tieghu mall-Malta Drydocks, (ghalkemm dan, permezz ta' Amnestija reġa' gie moghti l-impieg lura), kienetx ingusta, jigifieri jekk it-tkeccija mill-impieg kienitx ghar-raguni gusta skond il-ligi.

Il-Personnel Manager, nhar il-9 ta' Jannar, 1980, kien hareg Avviz "Assenza Minhabba Mard" lill-impjegati kollha, fejn fakkarhom li huwa mehtieg li josservaw il-procedura rigward assenza minhabba l-mard. L-aktar parti relevanti ta' dan l-Avviz ghal dak li jirrigwardja l-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa punt Nru. 5: "jekk matul il-perijodu ta' mard, il-pazjent irid izur it-tabib tieghu jew l-isptar, ghandu jinforma l-Ispizerijja gurnata qabel". L-istess avviz ikompli jghid li "jekk il-marid ma jimxix skond din il-procedura ma jkollux dritt ghall-hlas. Barra minn hekk, jekk it-Tabib jew il-Welfare Officer ma jsibx il-marid id-dar, bl-eccezzjoni tal-kundizzjoni Nru 5 hawn fuq, dan ma jithallasx minn dik il-gurnata sa kemm idum marid.

"Il-Management jgharraf li f'kaz fejn l-individwu jinstab li qieghed jabbuza ripetutament is-sick leave bil-hlas, dan ikun suggett ghal passi dixxiplinarji, inkluza s-sensja".

Ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks - L-Ewwel Parti - Principji Generali jghidu:-

3. Hemm obbligu min-naha ta' l-impjegat li jgib ruhu b'mod ragonevoli, li josserva r-regoli u l-ftehim maghmul bejn il-Management u l-Union u li jwettaq mill-ahjar li jista' l-ordnijiet legittimi tas-superjuri tieghu".

4. L-impjegati kollha tal-Malta Drydocks huma ntitolati ghal gustizzja u ghandhom dritt ghal appell permezz ta' l-istadji miftehma ta' awtorita kif hemm stipulat f'dawn ir-Regolamenti."

Skond it-Tieni Parti (Klassifika ta' Offizi) ta' l-istess Regolamenti ta' Dixxiplina, l-Abbuz tas-Sick Leave jaqa' taht Regolament Nru 6(A) Grupp 1 (iv). Skond it-Tielet Parti (Provvedimenti Dwar Grupp 1) Regolamenti Nri. 10 u 11, jekk jigi deciz li ghadhom jittiehdu passi dixxiplinarji l-impjegati ikkoncernat ghandu jigi notifikat b'charge bil-miktub.

Mix-xhieda u Dokumenti sottomessi rrizulta li hu l-appellant nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 1981 mar irrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel ic-certifikat tan-National Insurance u jinforma fl-Ispizerijja tat-Tarzna li l-appellant ma setax jattendi ghax-xoghol minhabba korriment li kien garrab matul il-lejl ta' qabel.

Nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 1981 fl-4.20 p.m., Dr Das, Senior Medical Officer tat-Tarzna, mar izur lis-Sur Mifsud id-dar tieghu u ma sabux hemm. It-tabib privat ta' l-appellant Dr Alfred Baldacchino M.D. irrilaxxja certifikat datat 9 ta' Lulju, 1981 li jghid: "To certify that Mr Joseph Mifsud of 56 St Peter Street, B'Bugia, came to see me at 4.30 p.m., on 7.7.81 with an injury leg".

L-appellant kien konxju li kien obbligat li jinforma l-Ispizerija tad-Drydocks qabel ma jmur ghand it-tabib privat u dan seta' ghamlu kieku ried ghaliex kif xehed hu stess: "Iva kelli chance

(jinforma l-Ispizerija tat-Tarzna) imma jiena ma nahsibx li hemm xi haga hazina meta mort ghand it-tabib tieghi kurnati."

Il-htiega tal-hrug ta' l-Avviz tad-9 ta' Jannar, 1980 kien bla dubbju ta' xejn essenzjali biex irazzan abbuzi tas-sick leave ghaliex l-abbuz kien lahaq livell allarmanti u dizastruz.

Ix-xhieda tas-Sur France Spiteri, ic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, li nghatat fil-Kaz Nru 178 (tas-Sur Michael Xuereb) kemm is-Sur Anthony Busuttil, kif ukoll is-Sur Carm. Debono qablu li din ix-xhieda ghandha tkun applikabbli wkoll ghal dan il-kaz li ghandu quddiema it-Tribunal. Is-Sur Spiteri xehed li wiehed zied jiehu azzjoni effettiva, minghajr ma joqghod ihares lejn il-proceduri, u zied jghid: /imma jiehu azzjoni (il-Kunsill tat-Tarzna) bl-iskop li jwaqqaf, u meta s-sitwazzjoni tigi ghan-normal jerggħu jikkunsidraw is-sitwazzjoni. Allura jien nghid li filwaqt li kellna procedura u wiehed seta, imma ghal dan is-sistema tghajjarniha minn nofs. Fil-fatt ir-ragel gie ngabad l-ewwel darba u ha notice u meta gie maqbud it-tieni darba gie moghti n-notice of discharge. Fil-fatt nista' nghid ukoll li mmedjatament li l-affarijiet bdew jinpruvjaw u flimkien ma shabna - naturalment dan ix-xoghol tal-Union li jippressaw biex is-sitwazzjoni tirranga ruhha - malli s-sitwazzjoni bdiet timpruvja ruhha ahna kemna lesti li nibdew nilqghu modifikazzjonijiet biex l-affarijiet jibdew isiru aktar bfief, ma jibqghux tqal kif kienu bid-decizjoni originali tal-Kunsill."

Is-Sur France Spiteri kkonferma li l-Union qatt ma kienet accettat il-Policy dwar dawk li jabbuzaw mis-Sick Leave, cioe' li f'kazi ta' tieni offiza dan jigi mkecci. Dan ifisser li t-Taqsima tal-G.W.U. qatt ma kienet qablet mal-mizuri tal-Malta Drydocks li kien harog nhar id-9 ta' Jannar, 1980, tant hu hekk li rrizulta minn Dokumenti li gew sottomessi f'dan ir-rigward, li wara certu zmien, dawk il-mizuri ta' dixxiplina gew reveduti b'mod accettabbli ghaz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wasal ghal konkluzzjoni illi dawk il-mizuri ma kellhomx jigu mplimentati qabel ma ntlahaq ftehim mas-Sezzjoni tal-Metall tal-G.W.U. ghaliex fic-cirkostanzi (minghajr

pregudizzju ghal prerogattiva tal-'Management's Right to Manage') din l-azzjoni tal-Management marret kontra l-ispirtu tar-Regolamenti ta' Dixxiplina li kienu gew nifthema bejn iz-zewg partijiet koncernati f'April, 1980.

Wara li wiehed ra r-regolamenti basici li jirrigwardjaw l-abbuz mis-sick leave u l-policy li l-Malta Drydocks hareg nhar id-9 ta' Jannar, 1980 issa wiehed jara jekk l-appellant fil-fatt abbuzax mis-sick leave.

Ir-records tas-Sick Leave tas-Sur Joseph Mifsud matul is-16 il-xahar qabel mit-tkeccija tieghu, juru dan li gej:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Matul il-perijodu 5 ta' Marzu 1980 sal-14 ta' Marzu, 1981 ............ | 128 gurnata |
| ii) | Mit-8 ta' April 1981 sa l-1 ta' Lulju 1981 ........................... | 13 gurnata |
| | | 141 gurnata |

Skond ix-xhieda tal-Pay Office Manager, il-perijodu ta' matul il-5 ta' Jannar sal-14 ta' Marzu 1981 kien gie trattat 'unpaid sick leave' ghaliex l-appellant kien ezawrixxa il-"Paid Sick Leave" kollu u kien matul dan il-perijodu, cioe' nhar it-28 ta' Jannar, 1981, li l-Welfare Officer mar izuru d-dar u ma sabux hemm, izda sabu hiereg mill-hanut. Dan kien abbuz li t-Tribunal jikkundanna bil-qawwa kollha, u ghalkemm dak in-nhar ma kienx "on paid sick leave", dan ma jnaqqas assolutament xejn mill-gravita ta' l-abbuz.

L-appellant fix-xhieda tieghu cahad li kien ircieva ir-"Written Warning" datat 30 ta' Jannar, 1981 in konnessjoni ma dan l-abbuz ghalkemm il-Personnel Manager qal li kien baghtiehlu. Jekk l-appellant kienx fil-fatt ircieva dan ir-"Written Warning" jew le, ukoll ma jnaqqasx il-gravita tal-kaz. In-nuqqas ta' prova sufficjenti li r-"Written Warning" ikkoncernat ma wasalx lis-Sur Mifsud isahhahlu l-argument li hu ma kienx ircieva "Written Warning" sa meta tkecca, mill-att tekniku biss, izda fil-fatt l-argument huwa wiehed fqajjar

ghaliex meta l-Welfare Officer ltaqa' ma l-appellant kienqgg mill-hanut kien qallu li kien se jirrappurtah lil Management li ma sabux id-dar.

Issa nigu ghal kaz tas-7 ta' Lulju, 1981, meta is-Senior Medical Officer tat-Tarzna mar id-dar tas-Sur Mifsud u ma sabux hemm u l-appellant qal li dak il-hin kien mar ghand it-tabib privat tieghu. It-Tribunal hu tal-fehma li dan kien abbuz iehor ikrah tas-Sur Mifsud ghal dawn ir-ragunijiet:-

i) L-appellant kif ammetta fix-xhieda tieghu kien jaf li meta jkun irrapporta marid hu obbligat li jinforma l-Ispizerija tat-Tarzna jekk ikun se jmur ghand it-tabib privat tieghu;

ii) Meta Dr Das ezamina lis-Sur Mifsud nhar it-8 ta' Lulju, 1981 fis-Surgery tat-Tarzna sab li l-gerha li kien garrab xi 7 tijiem qabel kienet imfejjqa u ma kellux ghaliex joqghod barra mix-xoghol;

iii) Ic-certifikat ta' Dr Alfred Baldacchino ma jghidx li s-Sur Joseph Mifsud "is unable to attend for work" kif normalment it-tobba jiccertifikaw lil pazjent taghhom meta dawn ikunu verament ma jifilhux jattendu ghax-xoghol. Ic-certifikat ta' Dr A Baldacchino sempliciment jiccertifika li s-Sur Mifsud mar jarah fl-4.30 p.m., nhar is-7 ta' Lulju, 1981 "with an injury leg".

Dr Das ra wkoll il-gerha ta' sieq is-Sur Mifsud imma kompla jghid li kienet imfejjqa.

It-Tribunal mhux ser jiehu in konsiderazzjoni il-kaz ta' abbuz l-iehor tal-15 ta' Dicembru, 1982, ghar-raguni li dan issuccieda wara l-11 ta' Lulju, 1981 id-data ta' meta is-Sur Mifsud kien tkecca. B'dan kollu t-Tribunal huwa sodisfatt li l-appellant kien jabbuza mis-sick leave ghad-detriment ta' min ihaddmu u ta' shabu l-haddiema.

.../19

Minkejja dawn il-htijiet kollha minn naha ta' l-appellant, it-Tribunal hu tal-fehma li l-procedura stipulata taht ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks (April 1980) ma gietx addottata fil-kaz tat-tkeccija ta' l-appellant.

AWARD

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija tas-Sur Joseph Mifsud ma kienitx gustifikata. Peress li s-Sur Mifsud rega' iddahhal ghax-xoghol nhar il-14 ta' Jannar, 1982, permezz ta' amnestijja, m'hemmx lok ghat-Tribunal li jordna li s-Sur Mifsud jiddahhal lura ghax-xoghol.

Pero minhabba n-nuqqasijiet minn naha tas-Sur Mifsud, il-Management tal-Malta Drydocks mhux obbligat li jaghtih ebda kumpens ghal matul is-sitt xhur li ghamel barra mix-xoghol.

It-Tribunal ghal darb'ohra jesprimi l-apprezzament tieghu ghal mod ta' kif instaghbet soluzzjoni accettabbli bejn l-awtoritajiet tal-Malta Drydocks u l-General Workers' Union, li permezz taghha is-Sur Mifsud *rega'* dahal ghax-xoghol.

B'Hekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. DEBONO
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

Data: 15 ta' Novembru, 1983

ja